MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 309/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Kevin J. Farrugia**
**Spettur Simon Galea**
**V**

**JOHAN SULTANA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOHAN SULTANA** ta' ghoxrin sena bin Martin u Marthese nee Cassar imwieled Pieta nhar l-erbgha ta' Jannar, 1982 li joqghod Block E, Flat 7, Housing Estate, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita numru 47882M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun,

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma jitqisx bhala vjolenza pubblika

kontra persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku u cioe kontra l-Ispettur Kevin J. Farrugia , PC 1017 Joseph Sammut gewwa l-Ghassa waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi;

2. talli fl-istess data, hin, u cirkostanzi ingurja jew hedded persuni ta' uhud inkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe fuq il-persuni ta' l-Ispettur Kevin J. Farrugia, PC 426 Portelli u PC 1017 Joseph Sammut ;

3. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Ispettur Kevin J. Farrugia, PC 1066 Antoine Giullaumier, PC 1017 Joseph Sammut u PC 426 Portelli waqt li kienu qed jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

4. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi voluntarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u glied fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun;

5. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi voluntarjament qal kliem oxxen u esspressjonijiet ta' dagha;

6. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq il-persuna ta' l-Ispetter Kevin J. Farrugia kif iccertifika Doctor S. Cilia tal-Klinika tal-Floriana;

7. talli fl-istess data, hin u cirkostanzi fl-Ghassa tal-Hamrun voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta [uniformi tal-Pulizija];

8. Il-Qorti giet mitluba sabiex tittratta tal-imputat talli kiser l-kundizzjonijhiet imposti fuqu minn din il-Qorti tal-Magistrati diversament preseduta b'sentenzi datati ghaxra ta' Mejju 1999 meta gie misjub hati u gie mehlus bil-kundizzjoni ghal zmein tlett snin, tas-sbatax ta' Frar 2000 meta gie misjub hati u gie mehlus bil-kundizzjoni ta'

tlett xhur habs sospizi ghal sena, tat-tletin ta' Mejju 2000 meta gie misjub hati u gie mehlus bil-kundizzjoni ta' sena habs sospiza ghal sentejn; talli kiser il-kundizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att XII tal-1957 meta gie misjub hati u gie mehlus bil-kndizzjoni ghal tlett snin taht s-supervizzjoni ta' Probation Officer mid-datata tas-sentenza u cioe mis-sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2001 u tas-sitta ta' Dicembru 2001 fejn gie misjub hati u mehlus bil-kundizzjoni ghal tlett snin sospizi ghal sentejn liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

9. talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2000 u tat-tnax ta' Settembru 2001 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuni ta' l-Ispettur Kevin J. Farrugia, PS Anthony Lia, PC 1066 Antoine Gullaumier u PC 1107 Joseph Sammut u PC 426 Anthony Portelli l-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tlieta w ghoxrin ta' April 2002 esibit fl-atti a fol 16 markat bhala dokument CSH 2.

Rat in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat li jigi gudikat minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-ghaxra ta' Gunju 2002 kif jirrizulta a fol 5 tal-atti.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-ghaxra ta' Novembru 2003, u dan quddiem l-avukat difensur tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat ai fini ta' piena:

Illi l-Qorti rat r-relazzjoni tal-Psikologa Carmen Sammut esibita fl-atti a fol 63 u minn apprezzament ta' din r-relazzjoni jirrizulta li l-imputat ghandu personalita ta' tip 'dependent' li tfisser li hu jiddependi hafna fuq l-ohrajn u ghandu bzonn attenzjoni u gwida qawwija. Jirrizulta wkoll li l-imputat huwa tip 'depressive, antisocial, passive-aggressive, masochistic' u 'avoidant'.

Qiset wkoll dak li qalet l-Probation Officer Marietta Lanzon dwaru u cioe li l-imputat huwa impulsiv hafna u jaqla diversi problemi anke mal-habsin l-ohra waqt li kien il-habs tant li spicca b'diversi rapporti kontrih.

Il-Qorti ma tistax tqis l-ammissjoni li rregistra l-imputat f'din il-kawza bhala fatti mitiganti ghal piena u dan ghaliex din l-ammissjoni giet registrata sena w nofs wara li l-Prosekuzzjoni ippresentat l-kaz l-Qorti u cioe meta l-Prosekuzzjoni kienet diga pproduciet l-provi kollha taghha f'dan s-sens u ghalhekk l-imputat ma ghen b'ebda mod biex il-proceduri jigu konkluzi fi zmien kemm jista jkun malajr jew sabiex jigi ffrankat il-hin tal-Qorti u ta' kulhadd.

Din il-Qorti tista biss tikkonkludi li huwa dam daqshekk biex jirregistra ammissjoni biex jipprova jigwadanja xi vantagg tattiku, b'mod ghalhekk li din il-Qorti ma tantx hi propensa li tikkoncedi tnaqqis fil-piena a bazi tal-imsemmija ammissjoni tal-ghaxra ta' Novembru 2003.

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat li hija pjuttost ktieb, bi tnejn w erbghin konvizzjoni registrati fuqha meta nstab hati fost numru ta' reati fuq akkuza dwar diversi serqiet, reati kontra l-Ordinanza tat-Traffiku, ingurji u theddid lil Ufficjali Pubblici f'dawn l-okkazzjonijiet, nuqqas t'ubbidjenza lejn l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, griehi ta' natura hafifa u forna partikolaritajiet foloz lil Ufficjal Pubbliku. Illi l-imputat li effettivament ghandu biss ghoxrin sena, nghata diversi tipi ta' pieni u cioe sentenza ta' prigunerija, sentenzi sospizi, ordnijiet ta' probation, unconditional discharge, amendi u anke multi u dan

nonostante reggha qieghed il-Qorti akkuzat bir-reati odjerni.

Il-Qorti ma tistax taghti l-impressjoni li bniedem jista jikser il-ligi u ma jbatix l-konsegwenzi penali ghal agir illegali, rrisponsabbli u ripetut tieghu.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ma thossx li ghandha tkun klementi mal-imputat u fil-fatt tqis li l-piena idoneja fic-cirkostanzi hija xejn inqas minn piena karcerarja effettiva.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95, 96(1)(a), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 221(1)(2) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Il-Qorti tqis li r-reati li l-akkuzat gie mressaq il-Qorti fuqhom huma reati serji u dan ghaliex huma ndirrizati lejn Ufficjali Pubblici li qed jaghtu servizz pubbliku u li dawn graw waqt li huma kienu jaqdu d-dmirijiet taghhom u ghalhekk thoss li ghandha taghtihom il-protezzjoni li jixirqilhom.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-fedina penali tal-imputat esibita fl-atti u rat li ma tistax tittratta mal-imputat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta f'sentenzi datati ghaxar ta' Mejju 1999, sbatax ta' Frar 2000, tletin ta' Mejju 2000, sebgha w ghoxrin ta' Novembru 2001 u sitta ta' Dicembru 2001 u dan ghaliex il-Qorti kienet diga hadet konjizzjoni ta' tali ksur f'sentenzi ohra taghha tat-tnax ta' Setttembru 2001, tal-hamsa ta' Gunju 2002, tat-tlieta ta' Dicembru 2002, tal-hmistax ta' Ottubru 2002 u tal-hamsa ta' Gunju 2002 u ghalhekk tastjeni millli tiehu konjizzjoni tat-tmien akkuza.

**Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 49, 50, 95, 96(1)(a), 338(ee), 338(dd), 338(bb), 342, 221(1)(2) u 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tiddikjara li ssib lil imputat JOHAN SULTANA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu salv u b'eccezzjoni tat-tmin akkuza, mill-liema akkuza qed tilliberah u tikkundannah komplessivament ghal piena karcerarja ta' sentejn.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------